Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SEBGHA KUNSILL 2015-2018**

**SEDUTA NUMRU 3**

**IL-HAMIS 4 TA' GUNJU 2015 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI SINDKU |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER – wasal fis- 6.55pm |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER - waslet fil-5.20pm |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| TERESA VALENTINO | KUNSILLIER |
| MAURO MICELI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier P. Fenech kien skuzat minhabba li kien imsiefer.

**Is-Sindku qal it-talba.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru.2 u Nru. 56 gew approvati hekk kif emendati. Is- Sindku ppropona u l-Kunsillier M. Fava ssekonda.

## II PUINTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

1. Il-Kunsill iddiskuta dwra il-porblemi li qed ikun hawn fil-lokalita dwar kostruzzjonijiet ta' bini gdid. Gie inutat li hafna drabi, dawn qed jikkagunaw hafna storbju, trabijiet u hsarat estensivi fit-toroq u l-bankini minhabba ingenji u vetturi kbar li qed jintuzaw.

   Wara diskuzzjoni , il-Kunsill ikkonkluda li ghandhom issiru kundizzjonijiet specifici fuq kull applikazzjoni li tinghata mal-permess lil kull kuntrattur u zvillupatur. Il-Kunsillier T. Valentino hadet l-inkarigu li tikkomunika mal-Perit E. Rossignaud u u l-Perit Valentino sabiex dawn flimkien jifformulaw dawn il-kundizzjonijiet.

2. Is- Sindku staqsa dwar jekk intbaghtitx l-ittra ta' Transport Malta dwar is-safet barriers fit-tarf ta' telgha fi Triq tal-Pedidalwett. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din il-komunikazzjoni ntbaghtet u se jinghatbat reminder dwar din il-materja.

3. Is- Sindku staqsa wkoll sabiex tintbaghat ittra lit-Transport Malta bi proposta sabiex jigu installati *electronic signs* fuq kull *zebra crossing* u *slow signs* li hawn fil-lokalita'. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jaghmel dan.

## III RAPPORT MIS-SINDKU

1. Is- Sindku pprezenta rapport idettaljat tal-hidma tieghu mill-ahhar Seduta ta' dan il-Kunsill li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala App. A.

2. Huwa nsista li ghandhom jigu osservati sew l-permessi li jkunu qed jinghataw fil-lokalita' taghna mill-MEPA. Ghaldasqtant huwa staqsa sabiex issir talba ufficjali lill-MEPA sabiex meta dawn jibghatu l-lista ta' l-applikazzjoni l-godda ta' zvillup jindikaw b'mod car, id-data ta' meta dan l-izvillup se jibda'. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jaghmel dan.

3. Is- Sindku rrefera ghall-ispazji pubblici fejn jista' jsir xi reklamar. Wara diskuzzjoni, il-Kunsil talab sabiex tigi ppubilikata sejha ghall-interess. Il-Kunsillier M. Miceli ha l-inkairgu li jghin f' din il-materja. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li huwa se jghaddi kopja tal-By-Law li tindika anke l-prezzijiet mhallsa mill-partecipantio ghar-reklamar. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## III RAPPORT MIS-SINDKU – ikompli

4. Is- Sindku nforma wkoll li l-isem tal-Gnien Sant Andirja m'huwiex wiehed ufficjali u ghaldasqtant huwa ssugerixxa li l-isem ta' dan il-gnien jinbidel ghal Gnien l-Imhallef Caruana Curran, Fundatur ta' Din l-Art Helwa. Il-Kunsill uninament qabel ma' din il-proposta. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jikteb li s-Sur M. Balzia sabiex jifurmah b' din id-decizjoni.

5. Giet ipprezentata kwotazzjoni ta' apparat sabiex jigi installat fis-sala tal-komunita (il-kbira) biex jkunu jistghu jitwahhlu inkwatri u pitturi waqt xi esebizzjoni li tista' tigi organizzata. Din il-kwotazzjoni tammonta ghal €835.00. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill unanimament qabel sabiex dan l-apparat jigi installat mill-aktar fis.

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

<u>Mill-Kunsillier M. Fava</u>

1. Il-Kunsillier informa li fi Triq il-Marbat ghadhom ma gewx imkahhla il-kurduni kif ukoll il-hsarat li hemm fil-wicc tas-siment li tpogga fuq il-bankini. Huwa staqsa biex jinxtehet bowser ilma fit-triq halli b'hekk il-Perit ikkoncernat ikun jaf sew ghall-liema naha qed teqleb it-triq. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li huwa diga kien kellem lill-Perit tal-Kunsill dwar dawn il-hsarat u nuqqasijiet. Il-Kunsillier talab biex ma jithallas l-ebda kont qabel ma jigu ma jsiru tisiwjiet neccessarji.

2. B' referenza ghat-tarrifi l-godda tal-permessi ta'makkinarju, il-Kunsillier ta spjegazzjoni kif dawn minn €25.70 naqsu ghal €10.00 ghal kull gurnata sa 10sqm u €15 ghal kull gurnata sa 15sqm. Huwa ssugerixxa sabiex jigu ordanti stickers b' kulur differenti sabiex jindikaw b' mod car liema tariffa tkun thalset mill-kuntrattur ghall-permess ta' lifter jew crane.

<u>Mill-Kunsillier T. Valentino</u>

1. Il-Kunsillier irreferiet ghat-twessiegh ta' triq fil-Wied bejn is-Swieqi u San Gwann fejn hija ssostniet li fil-waqt li taqbel ma' dan il-progett hija tinsisti sabiex titwessa aktar biex jkun hemm il-possibilita li ssir bankina peress li diversi residenti jixtiequ li din ssir. Ghal din ir-raguni, hija staqsiet sabiex issir laqgha mat-TM. Hija giet infurmata li din il-laqgha m'hemmx lok ghaliha peress li ghalissa l-prijotirajiet tal-Gvern Centrali huma li titwessa ghat-traffiku minhabba li dal-waqt se jibdew ix-xoghlijiet f'Kapparra Junction u li ga bdew issiru l-preparamenti biex issir l-esproprazzjoni. Il-Kunsillier M. Fava informa li f' din il-parti qatt ma kien hemm bankina peress li din hija biss trejqa go wied u li jekk l-Kunsill irrid li ssir bankina, hemm bzonn li ssir applikazzjoni seperata.

HUGH ZAMMIT  
SEGRETARJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT  
SINDKU

**III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI - ikomplu**

Mill-Kunsillier T. Valentino – tkompli

2. Hija staqsiet ukoll sabiex issiru xi olterazzjonijiet fi Gnien Sant Andrija ghal dawk il-persuni li jaghmlu uzu mis-siggu tar-roti u pushchairs. Ghaldaqstant hija rrakomandat li ssir laqgha fuq il-post inkwitsjoni mal-Perit tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jaghmel dan. Hija ssostniet li huwa ferm importanti li meta jigu ppjanati progetti bhal dawn, il-Kunsill jiehu inkosiderazzjoni fid-dettal sabiex kull progett jkun accessibli minn kulhadd.

3. Hija ssugeriet li meta jigu nstallati l-bords tar-reklamar fl-entratura ta' Triq is-Swieqi, danw ghandhom issiru b' mod professjonali u bil-galbu sabiex jkomplu jsebbhu l-ambjent.

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier staqsiet jekk kinitx intbaghtet l-ittra lill-MTA dwar l-istobju eccessiv li qed isir fil-hinijiet tal-mistrieh minn persuni li qed jikru 3 villel fi Triq Zejni. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li din l-ittra intbghatet u ser jerga' jinghabt reminder. Hi staqsiet sabiex jekk kemm-il darba dan l-istorbju jibqa' isehh, il-Kunsill ghandu ufficjalement jerga; jikteb lill-awtoritajiet kollha ikkoncernati sabiex tigi rivokata l-licenzja ta' dawn il-villel. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Il-Kunsillier A. Curmi talab sabiex jigi skuzat. Il-hin kien 8.15pm.

Mill-Vici Sindku

1. Il-Vici Sindku pprezenta rapport dwar il-hidma tieghu li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala App. B.

Il-Kunsillier T. Valentino u M. Abela talbu sabiex jigu skuzati. Il-hin kien 8.20pm.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI - ikomplu

<u>Mill-Kunsillier M. Miceli</u>

1. Il-Kunsillier informa li bhalissa qed tidher website f' isem il-Kunsill li mhix aggornata u ghaldaqstant talab sabiex issiru l-kuntatti mehtiega sabiex din tigi updated. Is- Segretraju Ezekuttiv informa li l-Kunsillier qed jirreferi ghall-website swieqi.eu li sfortunatament il-Kunsilli m'ghandux il-jedd li jista' jaqbad u jemmenda dak neccessarju. Huwa nforma wkoll li ghamel kuntatti ma'l-NIU, il-kumpanija li tirregola din is-sit, sabiex din is-sit titnehha pero' huma nfurmaw li sabiex din titnehha mis-server irrid jithallas il-kont pendeti li hemm fuq l-iskeda tal-pagamenti ta' din il-laqgha. Wara diskuzzjoni, gie deciz li minflokk titnehha ghal din is-sena biss, ghandha tigi updated u l-hlas issir bil-kundizzjoni li din tkun l-ahhar sena ta' tigdid. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Ghaldaqstant il-Kunsillier M. Miceli ha l-inkarigu li jnizzel l-aggustamenti li jridu jsiru f' din is-sit.

<u>Mill-Kunsillier A. Chetcuti</u>

1. Il-Kunsillier informa li kellu laqgha mas- Sur Simon Curmi mill-Wasteserv. Huwa nforma li matul din il-laqgha, gie deciz li l-Wasteserv se tipprovdi kontenituri li ghandu jitpoggew fir-reception fejn wiehed jista' jiddisponi minn seringi, medicini skaduti u batteriji.

2. Huwa nforma wkoll li kellu laqgha ma' ufficjali tal-GreenPAK, u li ghaliha kien hemm prezenti wkoll is-Sindku. Il-Kunsillier informa li din il-laqgha kienet ferm interessanti fejn fost affarijiet ohra goet diskussa l-possibilta' li jsiru bring-in-sites ohra fl-ghalqa li hemm biswiet l-mini fi Triq is-Swieqi.

3. Il-Kunsillier irrimarka dwar il-parkegg abbusiv quddiem il-hanut il-gdid tal-pastizzi fi Triq Sant Andrija; fejn hu issugerixxa li jsiru barriers fuq il-bankina. Is- Segrertarju Ezekuttiv informa li minhabba din it-triq hija arterja, se jkollu jikkomunika ghall-approvazzjoni ma' TM.

4. Huwa rrefera ghall-pedestrian crossing li hemm fi Triq Sant Andrihja hdejn il;-bus stop fejn inota li din qieghda wisq l'isfel u ghaldasqtant huwa talab li ssir kommunikazzjoni ma' TM sabiex din tersaq aktar 'il fuq biex b'hekk ir-residenti tas-Swieqi u Pembroke jkollhom access ahjar.

5. Hu nforma li gie avvicinat mis-sidien il-godda tal-cafetria fi Triq l-Ibrag, fejn dawn infurmawh li jixtiequ jaghmlu open night u ghaldaqstant talbu li tinghalaq il-parti ta' gewwa ( wara l-shelter tal-bus stop) ta' quddiem il-cafeteria taghhom mis-13:00 sa 00.00. Il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni ghal din it-talba basta jkollu l-approvazzjoni mill-awtoritajiet ikkoncernati fosthom il-Pulizija.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

1. Is- Segretarju Ezekuttiv pprezenta rikwest minghand is-sidien tal-hanut tal-cafeteria l-gdida fi Triq l-Ibrag sabiex dan johrog l-imwejjed u s-siggijiet fuq il-bankina. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill ma sabx l-ogezzjoni basta s-sidien ikollhom l-permessi neccessarji kollha mill-awtoritajiet ikkoncernati kif ukoll jihalla spazju sabiex tkun tista' tintuza sew il-bankini. Il-Kunsill unanimament qabel.

2. Huwa ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill talba ghall-kumpens ta' €146.00 li qed jitlob is-Sur Joe Cassar ghall-hsarat li kien sofra fil-vettura tieghu waqt li saq minn fuq traffic calmers fi Triq is-Swieqi. Is- Sur Cassar qed jilmentaw li dawn huma wisq gholjin. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill talab li tinkiteb ittra lit-TM sabiex jigi vverfikat jekk l-imsemmija calmers humiex gholjin jew le. Jekk kemm-il darba it-Transprt Malta jikkonfermaw li dawn il-calmers huma vera gholjin, allura is-Sur Cassar ghandu jinghata kumpens.

## V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEHOR

Giet pprezentata l-iskeda tal pagamenti nru.3, u wara li saru xi aggustamenti hekk kif mitlub fl-email tal-Kunsillier A. Curmi (mehmuz bhala App.C ), il-pagamenti kollha gew approvati minn dawk prezenti. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier M. Fava ssekonda.

Il-Kunsillier A. Curmi informa li xi invoices ghad ghandhom indirrizz l-antik u ghaldaqstant huwa talab sabiex issri kuntatt ma' dawn il-kuntartturi.

Din il-laqgha spiccat fid- 9.10pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**